# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2020**

**Numru 1**

**Rikors numru 356/12 AE**

**Anthony Zammit u Salvu Zammit & Sons Limited**

**v.**

**Direttur Ġenerali (Dwana)[1]**

**Il-Qorti:**

1. Dawn huma żewġ appelli, imressqa wieħed minn kull parti, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru, 2014 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti (i) sabet li ma kienx hemm għalfejn tqis aktar l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet; (ii) ċaħdet it-tielet eċċezzjoni; (iii) sabet li l-fatt li Michael Żammit m'huwiex

[1] L-Ewwel Qorti ordnat korrezzjoni fis-sens li l-kliem "Kontrollur tad-Dwana" għandhom jitħassru u minflokhom jidħlu l-kliem "Direttur Ġenerali (Dwana)".

parti minn dawn il-proceduri mhix ta' xkiel għar-rigward tar-raba' eċċezzjoni; (iv) ċaħdet l-eċċezzjonijiet fil-mertu dwar in-Nota ta' qbid 23/2012 tal-5 ta' Marzu 2012 u ħassret l-istess u b'dan il-mod laqgħet parti mill-ewwel talba attriċi; (v) ordnat ir-rilaxx tal-garanzija bankarja numru: 8820121661 għal ħamest elef ewro (€5,000) li tirreferi għall-*bowser* reġistrat IBA 663, flimkien mal-*gasoil duty-free* li kien hemm fih fl-ammont ta' elf u għoxrin litru (1,020lt); (vi) laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu dwar il-bqija u għalhekk (a) ċaħdet it-talba tal-atturi dwar in-Nota ta' qbid numru 22/2012 u nota ta' qbid numru 24/2012 u (b) iddikjarat li r-rikorrenti m'għandhomx jedd għar-rilaxx tal-garanzija bankarja 8820121660 għal sitt elef ewro (€6,000) li tirreferi għat-trakk u l-*bowser* reġistrat KBB 298; (vii) ċaħdet it-talba għar-rilaxx tal-*gas oil* li nqabad bin-Nota ta' qbid numru 24/2012 fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf mija u tletin litru (21,130lt); (viii) ċaħdet it-talbiet numru tlieta, erbgħa u ħamsa; (ix) ordnat li l-kap tal-ispejjeż jinqasam kwantu għal sebgħin fil-mija (70%) a karigu tal-atturi u t-tletin fil-mija (30%) l-oħra karigu tal-konvenut;

2. Fl-att li bih fetħu l-kawża, l-atturi talbu li l-ewwel Qorti ssib li n-Noti ta' Qbid hemm imsemmija li nħarġu mill-imħarrek huma nulli u bla effett billi nħarġu bi ksur tal-Artikolu 72 tal-Ordinanza tad-Dwana[2], tordna r-rilaxx tal-oġġetti maqbuda, issib li huma ġarrbu danni b'riżultat tal-aġir tal-imħarrek, u tgħaddi biex tillikwida d-danni mġarrba;

---

[2] Kap 37

3. Min-naħa tiegħu, id-Direttur imħarrek laqa' għal dik l-azzjoni billi, fil-mertu, ċaħad ix-xiljiet attriċi, u qal li l-qbid sar b'mod regolari billi l-atturi kienu qed jiksru l-liġi għaliex ma kinux awtorizzati jġorru, jaħżnu jew iħotti l-merkanzija mertu tal-kawża. Jgħid ukoll li l-qbid sar fil-preżenza tal-atturi u l-ħruġ tan-Noti sar biss bħala formalità. Tenna li bil-liġi, l-atturi kellhom tletin jum mill-qbid biex jitolbu r-rilaxx tal-oġġetti, ħaġa li naqsu li jagħmlu. Ċaħad li kkawża dannu lill-atturi. Qanqal ukoll eċċezzjonijiet preliminari;

4. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet.*
>
> *"Il-qorti tibda biex tosserva li dwar it-tielet eccezzjoni l-konvenut m'huwiex jikkontesta li l-avukat Mifsud ghandu prokura. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut qal:-*
>
> > *"Illi jirrizulta li l-prokura tal-partijiet giet ipprezentata in atti sussegwentement li gie intavolat ir-Rikors odjern u l-okkju tar-Rikors promotur ma jirriflettix il-partijiet li qed jikkontestaw l-imsemmija Noti ta' Qbid".*
>
> *"Fil-fehma tal-qorti m'hemmx htiega li ssir xi korrezzjoni fl-okkju.*
>
> *"Fir-rigward tar-raba' eccezzjoni, gialadarba Michael Zammit m'huwiex parti ghal dawn il-proceduri m'hemm htiega li jinghad xejn. Mill-provi rrizulta wkoll kif il-gasoil kien proprjeta tal-kumpanija attrici. Ladarba Michael Zammit personalment ma kellu l-ebda pretensjoni fuq l-oggetti li nqabdu, ma kien hemm l-ebda htiega li jkun parti ghal dan il-process.*
>
> *"Fil-meritu l-kaz jitratta dwar qbid mill-konvenut ta':-*
> - *Bowser bin-numru KBB298;*
> - *Bowser bin-numru IBA663;*
> - *Trukk li jigbed il-bowser KBB298;*

- *21,130 litru gasoil.*

*"Eventwalment il-vetturi kienu gew rilaxxati wara li nghatat garanzija bankarja minn Anthony Zammit (fol. 34-35).*

*"Jirrizulta li fis-26 ta' April 2005 il-konvenut hareg, f'isem il-kumpanija attrici, certifikat ta' registrazzjoni taht l-Artikolu 9(3c) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382) bhala mahzen tat-taxxa (authorized tax warehouse)[3], fir-rigward ta':*

*"i. garaxx 16, Shore Street, Mgarr, Gozo (fol. 32);*
*"ii. bowsers bin-numru IBA663 u KBB298 (fol. 33);*

*"Fit-twegiba guramentata (fol. 15-16) l-konvenut spjega li l-qbid ta':-*

*"(a) Trukk u bowser bin-numru KBB 298 sar minhabba 'l fatt li dawn kienu registrati bhala tax warehouse, cioe' li setghu jgorru u jissuplixxu gasoil duty free, "….. effettivament intuza sabiex igorr u ihott gasoil illecitament go lokazzjonijiet mhux awtorizzati mid-Dwana u dan bi ksur tal-Artikolu 17 tal-Kap. 382 u l-Artikoli 68 u 69 tal-Kap. 37".*
*"(b) Bowser bin-numru IBA 663 sar ghaliex "…. Intuza sabiex jahzen fih 1,020 litru gasoil duty free kontra l-awtorizazzjoni koncessa lilu mid-Dwana u dan bi ksur tal-Artikolu 17 tal-Kap. 382 u l-Artikoli 68 u 69 tal-Kap. 37".*
*"(ċ) 21,130 litru sar ghar-raguni li "….. dawn instabu fi tlett tankijiet fuq il-hitan tal-appogg tal-bitha tal-garaxx u f'reservoir li kien mistur taht l-art tal-garaxx, fl-indirizz 1, Shore Street, Mgarr, Ghawdex liema zewg lokazzjonijiet ma kienux espressament awtorizzati mid-Dwana sabiex jahznu fihom gasoil duty free u dan bi ksur tal-Artikolu 17 tal-Kap. 382 u l-Artikoli 68 u 69 tal-Kap. 37".*

*"**Noti ta' qbid numru 22/2012, 23/2012 u 24/2012 (fol. 6-8)**.*

*"1. In-noti ta' qbid ghandhom id-data tal-5 ta' Marzu 2012.*

*"2. L-atturi jilmentaw li l-qbid sar f'Settembru 2010, u l-hrug tan-noti ta' qbid sar bi ksur tal-Artikolu 72 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kap. 37), li jipprovdi:-*

> *"Kull meta jsir qbid, barra minn meta jsir quddiem il-ħati jew is-sid, ta' oġġetti suġġetti għal konfiska taħt din l-Ordinanza, l-uffiċjal li jagħmel il-qbid għandu jagħti avviż bil-miktub ta' dan il-qbid u tar-raġuni tiegħu lil sid l-oġġetti maqbuda, jekk magħruf, sew billi jagħti dan l-avviż lilu personalment jew b'ittra irreġistrata*

[3] Artikolu 2 jipprovdi li mahzen tat-taxxa *"tfisser post fejn jiġu prodotti, ipproċessati, miżmuma, riċevuti jew mibgħuta oġġetti dazjabbli taħt arranġamenti ta' sospensjoni tad-dazju minn magazzinier awtorizzat matul in-negozju tiegħu, bla ħsara għal ċerti kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kummissarju*".

*indirizzata lilu jew imħollija fil-lok magħruf bħala l-aħħar li fih kien joqgħod jew li kellu n-negozju tiegħu f'Malta".*

*"3. L-argument li pproponew l-atturi hu perikoluz ghall-azzjoni. Jekk huma qeghdin iqiesu l-avviz verbali li setghu nghataw f'Awissu/Settembru 2010 bhala bizzejjed, mela t-talba biex jiehdu lura l-oggetti kellha tigi proposta fit-terminu kontemplat fl-Artikolu 72(3). Pero' meta xehed Anthony Zammit, direttur tal-kumpanija attrici, biddel l-argument u qal:-*

> *"Pero nenfasizza li d-diskors mal-ufficjali tad-Dwana, bejn dakinhar u l-5 ta' Marzu 2012, kien li huma qeghdin jinvestigaw u ghal finijiet ta' investigazzjoni kienu qeghdin jiehdu dawn il-vetturi u l-gasoil.* ***Kieku konna nafu li dawn gew maqbudin ufficjalment mid-Dwana, ahna konna niehdu l-passi necessarji qabel il-5 ta' Marzu 2012****" (enfazi mizjuda).*

*"Ghalhekk b'dak li Anthony Zammit qal fl-affidavit waqqa' dak li gie ddikjarat fir-rikors promotur.*

*"**<u>Bowser IBA 633</u> [**recte: 663**]**.*

*"1. M'hemmx kontestazzjoni li l-bowser kien tax warehouse.*

*"2. Jesmond Vella, ufficjal tad-Dwana, xehed li meta fit-30 ta' Lulju 2010 saret spezzjoni ghand il-konvenuta, dan il-bowser kellu tabella duty paid. Kompla: "Mistoqsi x'ghamel hazin Zammit nghid 'il fatt li kellu t-tabella mal-bawser suppost dik kienet tabella duty free u mhux duty paid".*

*"3. L-attur xehed li t-tabella Duty Paid kienet fil-bowser IBA 663 ghaliex "….. wiehed mill-impjegati tieghi, halla bi zball it-tabella ta' DUTY PAID fuq l-imsemmija vettura. Ghalhekk huwa minnu li ghalkemm kien hemm it-tabella DUTY PAID, il-gasoil li kien qieghed jingarr kien duty free". Minn din id-dikjarazzjoni jidher li l-bowser IBA 663 jintuza ghat-trasport ta' gasoil duty free u gasoil duty paid. Li kieku ma kienx hekk ma kienx ikun hemm tabella DUTY PAID. L-atturi stess fin-nota ta' sottomissjonijiet qalu: "It-tabella DUTY PAID tintuza meta l-vettura qeghda ggorr dan it-tip ta' gasoil".*

*"4. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut ghamel riferenza ghar-regolamenti 28 u 29 tas-Sitt Skeda, Taqsima D tal-Kap. 382 li jipprovdu:*

> *"28(1) Kull mezz ta' trasport li jgorr prodotti tal-energija li fuqhom ma jkunx thallas id-dazju tas-sisa, kemm jekk dak il-mezz jintuza fuq l-art, bhall-bowsers, kemm jekk jintuza' fuq il-bahar, bhal barges u tankers, ghandu jkun registrat mal-Kummissarju.*
>
> *"(2) Kull operatur ta' mezz tat-trasport bhal dak imsemmi fis-subregolament (1), ghandu jiddikjara lill-Kummissarju li dak il-mezz ikun*

*sejjer jintuza' biss ghall-garr ta' prodotti ta' energija li ma jkunx thallas id-dazju tas-sisa fuqhom.*

*"29 (1) Skont ma l-Kummissarju jkun jista' jehtieg, dawn il-mezzi tat-trasport ghandhom jigu mmarkati b'mod permanenti u li jidher car b'tabella bil-kliem, ta' kulur ahmar, DUTY FREE. Din it-tabella ghandha tkun ta' daqs mhux inqas minn 820 millimetru b'240 millimetru".*

*"Minn dawn ir-regolamenti hu evidenti li suppost bowser registrat bhala mahzen tat-taxxa ghandu jintuza ghalhekk biss u mhux ukoll biex igorr fuel li fuqu jkun thallas id-dazju. Tant hu hekk li skont ir-regolamenti 28 u 29:-*

*"4.1 – L-operatur irid jaghmel dikjarazzjoni lill-Kummissarju li l-mezz ta' trasport ikun "sejjer **jintuza' biss** ghall-garr ta' prodotti ta' energija li ma jkunx thallas id-dazju tas-sisa fuqhom".*

*"4.2 – Il-mezz ta' trasport ghandu jkollu **tabella permanenti**. Evidenti li f'dan il-kaz it-tabella DUTY FREE ma kenitx permanenti gialadarba kienet qeghda tidher tabella DUTY PAID.*

*"Fil-fehma tal-qorti l-interpretazzjoni korretta ta' dawn il-provvedimenti ghandha tkun li mezz tat-trasport li jkun registrat bhala mahzen tat-taxxa ghandu jgorr fih **biss** gasoil li fuq ma jkunx thallas id-dazju.*

*"5. Il-problema li tara l-qorti hi li l-konvenut naqas milli jaghmel riferenza ghar-regolament li f'tali cirkostanzi jagħtih il-poter li jaqbad il-mezz ta' trasport f'kaz li mahzen tat-taxxa jintuza wkoll biex fih jingarr fuel li fuqu jkun thallas id-dazju. Inoltre fit-twegiba guramentata l-konvenut qal li n-nota ta' qbid inharget ghaliex IBA 663 intuza sabiex jinhazen fih 1,020 litru gasoil duty free kontra l-awtorizazzjoni koncessa lilu. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li l-bowser kien mahzen tat-taxxa. 'Il fatt wahdu li setghu nstabu fih 1,020 litru gasoil duty free ma jfissirx li nkiser xi provvediment tal-ligi. Wara kollox il-bowser hu mahzen tat-taxxa. F'dan il-kaz in-nuqqas ma kienx il-hazna ta' gasoil duty free imma li kellu tabella DUTY FREE [recte: PAID]*

*"**Gasoil li nstab fil-garaxx**.*

*"1. Jesmond Vella xehed li kien instab gasoil duty free fi tlett tankijiet u f'tank iehor taht l-art li kien hemm fil-garaxx.*

*"2. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut qal: "…. Il-marine gasoil kif skopert fl-imsemmi garaxx kellu jkun biss go bowsers li huma identifikati bhala tax warehouse u b'tabella duty free sabiex dawn ifornu biss bcejjec tal-bahar intitolati ghalih tul ix-xatt." (pagna 7 tan-nota). Il-qorti ma taqbilx. Fis-26 ta' April 2005 il-konvenut hareg certifikat ta' registrazzjoni fuq Garage 16, Shore Street, Mgarr, Ghawdex. Skont dan ic-certifikat il-garaxx huwa mahzen tat-taxxa (tax warehouse). Fih jinghad: "This certificate authorises the receiving, holding, moving and*

*dispatching of the following excise goods under duty suspension" (fol. 32). Albert Scerri, Assistent Direttur fid-Dipartiment tad-Dwana, xehed: "Dan ic-certifikat mhux ikopri l-petrol station kollha imma garaxx fil-petrol station u normalment f'garaxx ma jkunx hemm hazna ta' fuel.* ***Min hareg id-dokument dak il-hsieb kellu li f'dal garaxx ser jiddahhal il-fuel go bawser u mhux li jinhazen il-fuel taht l-art fil-garaxx*** *" (enfazi mizjuda, seduta tal-21 ta' Jannar 2014). Intenzjoni li ma tirrizultax mic-certifikat ta' registrazzjoni li jirreferi ghall-garaxx (fol. 32). Jekk il-konvenut irregistra l-bowsers bhala mahzen tat-taxxa, kif jirrizulta mid-dokument a fol. 33, il-qorti ma tifhimx x'kienet il-htiega li l-garaxx jigi registrat ukoll bhala mahzen tat-taxxa. Id-definizzjoni li taghti l-ligi ghal mahzen tat-taxxa tinkludi "post fejn jigu….* ***mizmuma****…. oggetti dazjabbli taht arrangamenti ta' sospensjoni tad-dazju….".*

*"3. Hu fatt li Jesmond Vella rrakkonta x'gara waqt l-ispezzjoni. Jidher li meta tkellem ma' Michael Zammit, ufficjal tal-kumpanija konvenuta, dan ma qallux mill-ewwel li l-gasoil kien jinsab fil-garaxx; "Ghidtlu ghandek iktar tankijiet bi fuel duty free ? Qalli le m'ghandhix. Ghidtlu ser naghmlu inspection tal-premises…. Kif hrigna fil-bitha fuq saqaf ta' kamra u fuq appoggi ergajna rajna l-istess tankijiet li rajna fuq wara kif spjegajt qabel….. tlieta kellhom id-diesel" (seduta tal-21 ta' Jannar 2014). Jirrizulta li kien hemm tank iehor taht l-art. Jidher li kien biss meta l-ufficjal tad-dwana qallu li kien hemm iktar gasoil duty free li dwaru ma kienx ta taghrif lill-ufficjali tad-dwana, li Zammit urihom it-tank taht l-art. Indikazzjoni ta' agir suspettuz ta' persuna li ghandha x'tahbi. Ix-xhud kompla jispjega: "Ghidtlu urini fejn hu dan ir-reservoir. Hadni f'wiehed mill-garaxxijiet li hemm fil-pompa, kien hemm iz-ziemel tat-trukk, ragel tahtu qed isewwi. Qam ir-ragel nehha l-pjanca li kien hemm li kien qieghed fuqha biex ma jithammigx u deheret horza jew ahjar tappiera ta' dan ir-reservoir. Hadna s-samples u qalli li r-reservoir fih 3,825 litri fuel. Il-fuel kollu li elevajna kien ta' kulur hamrani. Dan jaghtina x'nifhmu li huwa duty free, jista' ikun duty free". Min-naha l-ohra Albert Scerri xehed: "Nikkonferma li fejn ghandek tax warehouse ahna nikkunsidraw it-tax warehouse il-premises kollha, irrispettivament jekk l-oggett intix qed izzommu f'kamra partikolari. Kullimkien fil-bini immarkat bhala tax warehouse". Fil-kopja tal-applikazzjoni ghal tax warehouse datata 14 ta' Jannar 2005 (fol. 86) li saret mill-attrici, u li pprezenta l-konvenut, jinghad li l-warehouse hi "Garage 16 Shore Street, Mgarr, Gozo". Fl-applikazzjoni jinghad li mal-applikazzjoni ghandha tigi mehmuza "An architect's plan of the premises indicating clearly the exact position and location of the warehouse". Albert Scerri pprezenta kopja ta' skizz (fol. 88) mehmuza mal-applikazzjoni li m'hijiex pjanta ta' perit. Skizz li l-qorti tifhem li turi Salvu Zammit Petrol Station li tinsab f'16, Shore Street, Mgarr, Ghawdex. Dan messu wassal biex id-Dwana ma tkomplix tipprocessa l-applikazzjoni qabel l-applikant jipprovdi t-taghrif kollu mitlub. Id-dokument mehmuz mal-applikazzjoni m'huwiex skizz iffirmat minn perit. Madankollu 'l fatt li nhareg ic-certifikat ta' registrazzjoni fih innifsu juri li d-Dwana accettat l-iskizz.*

*"L-atturi ghamlu enfazi fuq dik il-parti tad-deposizzjoni ta' Scerri hawn fuq riprodotta. Pero' Scerri, li xehed viva voce quddiem il-qorti, xehed b'mod generali. F'dan il-kaz it-tax warehouse ma kenitx is-sit kollu fejn hemm il-pompa. Konkluzjoni li l-qorti qeghda tasal ghaliha mill-applikazzjoni li ghamlet l-attrici. Fil-parti tal-applikazzjoni:*

- *Postal address of Applicant jinghad 16, Shore Street, Mgarr, Gozo;*
- *Postal address of Warehouse jinghad* ***Garage*** *16 Shore Street, Mgarr, Gozo (enfazi tal-qorti);*

*"Minn dan it-taghrif jidher bic-car li l-attrici riedet tirregistra bhala tax warehouse, garaxx biss. Ir-raguni tghidlek li kieku kien mod iehor u l-applikant riedet li l-fond kollu jkun tax warehouse, fl-applikazzjoni ma kienx jitnizzel* ***garage****.*

*"Wara li l-qorti semghet il-provi u rat l-atti, tosserva:*

*"i. Jesmond Vella xehed li l-garaxxijiet li hemm fil-pompa tal-petrol qeghdin fil-gnub. Garaxxijiet li ma jidhrux fl-iskizz mehmuz mal-applikazzjoni.*
*"ii. Dakinhar li saret l-ispezzjoni l-gasoil duty free instab f'tankijiet li hemm f'bitha fis-sit 16, Shore Street, Mgarr.*
*"iii. Irrizulta wkoll li kien hemm gasoil duty free f'tank taht l-art, f'wiehed mill-garaxxijiet. Bazat fuq dak li xehed Jesmond Vella, li ma giex kontradett, il-qorti tikkonkludi li Michael Zammit ghamel hiltu biex jahbi 'l fatt li kien qieghed jinzamm gasoil duty free that l-art. Kien biss fuq insistenza tal-ufficjal tad-Dwana li Zammit kixef il-karti. Indizju li dan il-gasoil kien qieghed jinzamm f'post li Zammit kien jaf, bhala direttur tal-kumpanija, li ma kienx jikkwalifika bhala tax warehouse.*

*"Il-konkluzjoni tal-qorti hi li l-gasoil duty free li sabu l-ispetturi tad-Dwana fit-30 ta' Lulju 2010 kien qieghed jinzamm f'parti tas-sit 16, Shore Street, Mgarr, Ghawdex li ma kienx kopert mic-certifikat ta' registrazzjoni li hemm a fol. 32. Ghaldaqstant il-gasoil duty free gie depozitat f'postijiet li ma kinux awtorizzati mill-konvenut.*

*"**Bowser KBB 298**.*

*"1. Il-gasoil duty free inhatt minn fuq il-bowser KBB 298 ghal gewwa t-tankijiet li hemm fil-fond 16, Shore Street, Mgarr, Ghawdex.*

*"2. In vista tal-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-gasoil duty free li nstab fis-sit, ifisser li nhatt gasoil duty free ghal post li ma kienx kopert minn tax warehouse certificate. Dan bi ksur tal-Artikolu 17(1)(b) ta-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap. 382). Dan iwassal sabiex il-vettura KBB 298 tigi konfiskata (Artikolu 17 tal-Kap 382).*

*"**Garanzija bankarja**.*

*"1. Ir-rikors gurament gie pprezentat fit-3 ta' April 2012.*

*"2. Fit-2 ta' Awissu 2012 inharget garanzija bankarja (HSBC Bank Malta plc) fir-rigward tat-trukk u bowser IBB 298 u bowser IBA 663 (fol. 34-35). Garanzija li nghatat ai termini tal-Artikolu 72(4) tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kap. 37), li jipprovdi li l-garanzija:*

> *"ghandha tinzamm biex taghmel tajjeb għal kull pretensjoni li jista' jintalab dwarha skont il-ligi u ghall-fini ta' kull proċedimenti mehuda taht din l-Ordinanza dwar l-oggetti maqbuda, ghandha tirrapprezenta u tissostitwixxi l-oggetti maqbuda msemmija".*

*"Ghalhekk jidher li llum it-talba ghar-rilaxx tal-vettura u zewg bowsers m'ghadhiex flokha ghaliex hemm il-garanzija, u d-decizjoni tal-qorti ser tkun proprju dwarhom li fir-realta' jekwivalu ghall-ingenji.*

*"**Danni.***

*"1. M'hemmx dubju li dwar il-gasoil (nota ta' qbid 24/2012) u dwar it-trukk u bowser KBB 298 (nota ta' qbid 22/2012), it-tielet, raba' u hames talbiet ma jistghux jirnexxu minhabba l-konkluzjoni li waslet ghaliha.*

*"2. Dwar il-bowser IBB 663 u gasoil li kien hemm fih (nota ta' qbid 23/2012), ma tressqu l-ebda provi dwar danni li l-attur Anthony Zammit jallega*";

5. L-atturi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") appellaw mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell tat-22 ta' Ottubru, 2014, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbu li din il-Qorti tirrevoka *in parte* s-sentenza appellata billi tiċħad l-eċċezzjoni numru ħamsa tal-imħarrek dwar il-mertu relatat man-Noti ta' Qbid numru 22/2012 u 24/2012, u tirriforma s-sentenza billi tilqa' it-talbiet tagħhom relatati mal-istess noti, u tordna r-rilaxx tal-garanzija bankarja 8820121660 marbuta mal-vettura numru KBB298 u kif ukoll tal-wieħed u għoxrin elf mija u tletin litru (21,130ml) *gasoil* maqbud. Talbu li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-imħarrek;

6. Fir-Risposta tal-Appell imressqa minnu fit-12 ta' Novembru, 2014, l-imħarrek laqa' għall-imsemmi appell billi qal li, filwaqt li jistrieħ fuq il-provi u s-sottomissjonijiet tiegħu mressqa quddiem l-ewwel Qorti, din il-Qorti għandha tikkonferma limitatament is-sitt u s-seba' paragrafi tas-sentenza appellata, u tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mil-appellanti;

7. Bis-saħħa ta' Rikors tal-Appell imressaq minnu fit-23 ta' Ottubru, 2014, l-imħarrek (minn issa 'l hemm imsejjaħ l-"intimat"), talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata limitatament dwar it-tieni, il-ħames u s-seba'[4] paragrafu tad-deċiżjoni appellata, filwaqt li tikkonferma l-bqija tal-istess sentenza. Talab ukoll li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellanti;

8. Għal dan l-appell, l-appellanti ressqu Risposta tal-Appell fl-14 ta' Novembru, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu billi mill-ġdid, għamlu referenza għall-appell tagħhom, u wieġbu li l-appell tal-intimat għandu jiġi miċħud;

9. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell magħmula mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tat-2 ta' Marzu, 2020, u kif ukoll id-dikjarazzjoni

---

[4] Fis-sewwa, il-kap tal-ispejjeż ma jagħmilx parti mis-seba' paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata. Kemm hu hekk, fir-Risposta tal-Appell tiegħu għall-appell tal-atturi, l-intimat talab **konferma** tas-seba' paragrafu.

magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-6 ta' Lulju, 2020, li ma kellhomx sottomissjonijiet oħrajn x'iressqu lill-Qorti u li din il-Qorti kif rikomposta setgħet tgħaddi għall-għoti tas-sentenza;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża;

11. Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Lulju, 2020, li bih ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

12. Illi din hija azzjoni għat-tħassir ta' tliet Noti ta' Qbid maħruġa fuq ordni tad-Direttur Ġenerali intimat u għar-rilaxx ta' vetturi u karburant minħabba nuqqas ta' tagħrif mogħti fuqhom kif titlob il-liġi. Bl-azzjoni tagħhom, l-appellanti, kemm f'isimhom personalment u kif ukoll f'isem il-kumpanija attriċi, talbu li l-Qorti ssib li n-Noti ma jiswewx għax inħarġu ħażin, u biex tordna r-rilaxx tal-oġġetti maqbuda jew garanziji maħruġa minflokhom. L-appellanti qed jitolbu wkoll il-ħlas ta' danni b'riżultat tal-ħruġ ħażin ta' dawn in-Noti. L-ewwel Qorti, filwaqt li ċaħdet uħud mill-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat, laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu billi ċaħdet it-talbiet attriċi dwar in-Noti ta' Qbid numru 22/2012 u 24/2012, ċaħdet it-talba għar-rilaxx tal-garanzija bankarja numru 8820121660 marbuta mat-trakk u *bowser* reġistrat KBB 298, u ċaħdet it-talba għar-

rilaxx tal-*gas oil* li nqabad bin-Nota ta' qbid numru 24/2012 fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf mija u tletin litru. Ċaħdet ukoll it-talbiet attriċi numru tlieta, erbgħa u ħamsa. Iż-żewġ partijiet ħassewhom aggravati mis-sentenza appellata u kull naħa minnhom ressqet appell għar-raġunijiet li ssemmew qabel;

13. Illi l-Qorti sejra tibda biex tqis l-**appell imressaq mill-atturi appellanti**, u li fih huma qajmu ħames (5) aggravji mis-sentenza appellata;

14. Illi l-**ewwel aggravju** jolqot iċ-ċaħda mill-ewwel Qorti tat-talbiet dwar in-Noti ta' qbid numru 22/2012 u 24/2012. Fi kliem l-appellanti, l-ewwel Qorti ma ħaddmitx kif imiss (i) il-fatti f'dak li jirrigwarda l-fond numru 16, Triq ix-Xatt, Mġarr, Għawdex; u lanqas (ii) il-liġi kif imiss. Għar-rigward tal-fatti, l-appellanti jgħidu li l-iskizz mehmuż mal-applikazzjoni tagħhom għall-ħruġ ta' liċenzja ta' *Tax Warehouse* juri t-terran kollu tal-fond numru 16, Triq ix-Xatt, Mġarr, Għawdex, u li l-ġibjun imħaffer fit-terran huwa parti minn dan il-fond. Jgħidu li għaldaqstant mhux minnu li kisru dak li jgħid l-Artikolu 60(e) tal-Ordinanza li jawtorizza lill-uffiċjali tad-Dwana jikkonfiskaw oġġetti ta' kutrabandu;

15. Illi għal dan l-aggravju l-intimat jgħid li l-ewwel Qorti qieset sewwa l-fatti li nġabu quddiemha. Il-parti tal-post fejn instab moħbi l-*gasoil* ma

kienx fil-garaxx awtorizżat biċ-ċertifikat biex jitħallew fih il-*bowsers* koperti biċ-ċertifikati ta' maħżen tas-Sisa. Għaldaqstant l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud;

16. Illi f'kawża ta' din ix-xorta, jaqa' fuq il-persuna li titlob ir-rilaxx tal-oġġetti maqbuda li tressaq il-provi tagħha fi grad tajjeb biżżejjed biex titwemmen li l-ġid li trid li jinħeles mill-qbid huwa miżmum skont il-liġi. Ladarba il-proċediment ġie maħsub mil-leġislatur li jinstama' minn Qorti ta' kompetenza ċivili, u ladarba l-liġi nnifisha tgħid li dwar kull proċediment bħal dan japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili[5], huwa mistenni għalhekk li l-grad tal-prova mressqa jkun wieħed li joqgħod għall-proċedimenti ta' natura ċivili u mhux dak rigoruż tal-proċedimenti penali;

17. Illi, minbarra dan, l-azzjoni attriċi hija waħda mibnija fuq liġi fiskali[6]. Dan ifisser ukoll li t-tifsira li trid tingħata lid-dispożizzjonijiet ta' liġi bħal dik trid tkun waħda li toqgħod għall-kelma tal-liġi bla tiġbid żejjed[7]. Hemm il-fehma wkoll li liġijiet tributarji huma ta' fejda jew utilità pubblika u għalhekk iridu jingħataw applikazzjoni fejn ma hemmx dubju dwar iċ-ċirkostanzi tat-tħaddim tagħhom[8], sakemm dak it-tħaddim ma jkunx f'konflitt mal-ordinament taħt il-liġi ġenerali[9]. Ladarba fil-każ tal-lum qiegħed jintalab

---

[5] Art. 73(9) tal-Kap. 37
[6] L-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37)
[7] App. Ċiv. **11.1.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Camilleri noe*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.15**);
[8] P.A. **15.4.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Anastasi noe vs Camilleri noe*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.952**)
[9] App. Inf. PS **24.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Waldorf Car Hire Ltd vs Habitat Ltd***

ħlas ta' tariffa jew imposta, irid jintwera li dak il-ħlas huwa stabilit b'liġi u li l-liġi tfisser sewwa u b'mod ċar meta u kif dak il-ħlas ikun dovut;

18. Illi għal dak li jirrigwarda r-raġunijiet imressqa mill-atturi, il-liġi trid li l-ftuħ u tħaddim ta' mħażen tas-sisa jkunu suġġetti għall-awtorizżazzjoni tal-Kummissarju. Il-ħruġ ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni, wara talba li ssir lill-Kummissarju, għandu jkun validu għal dak iż-żmien[10];

19. Illi, minbarra dan, il-liġi titlob li oġġetti li jkunu maħsuba li jkunu kutrabandu għandhom jiġu konfiskati flimkien mal-oġġetti l-oħra li jkunu nstabu ppakkjati magħhom jew li jkunu ntużaw biex jinġarru jew jinħażnu fihom jew jaħbuhom[11]. Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien ma' ħwejjeġ oħra li jkun sar xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska, għandhom jiġu kkonfiskati[12], u jistgħu jiġu maqbuda f'kull lok, sew fuq l-art kemm fuq il-baħar, minn kull uffiċjal tad-Dwana jew tal-Pulizija, u jitqegħdu minnufih taħt idejn il-Kummissarju[13];

20. Illi l-liġi tagħti s-setgħa wkoll lill-uffiċjali tad-Dipartiment biex jistgħu jagħmlu tfittxijiet fi djar b'mandat maħruġ mill-Avukat Ġenerali jew minn

[10] Art. 9 tal-Kap. 382
[11] Art. 60 tal-Kap. 37
[12] Art. 68 tal-Kap. 37
[13] Art. 69 tal-Kap. 37

Maġistrat meta jkun hemm suspett raġonevoli. Iżda, uffiċjal jista' jmexxi bit-tfittxija anke mingħajr mandat kemm-il darba jkollu raġuni tajba biex jissusspetta li hemm periklu imminenti li l-oġġetti soġġetti għat-tfittxija jistgħu jiġu mneħħija jew meqruda, f'liema każ l-uffiċjal għandu jġib l-awtorizzazzjoni tal-Kummissarju[14]. L-uffiċjal li jagħmel il-qbid ta' oġġetti suġġetti għall-konfiska għandu jagħti avviż bil-miktub ta' dan il-qbid u tar-raġuni tiegħu lil sid l-oġġetti maqbuda, barra minn meta l-qbid isir quddiem il-ħati jew is-sid[15];

21. Illi fil-parti tal-aggravju fejn l-appellanti jikkontestaw l-apprezzament tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha, ngħad kemm-il darba li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[16]. Iżda, huwa minnu wkoll li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel Qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ*

---

[14] *Proviso* tal-Art. 71 tal-Kap. 37
[15] Art. 72 tal-Kap. 37
[16] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius vs Piju Theuma***

*possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[17];

22. Illi huwa fil-qafas ta' dawn il-parametri li din il-Qorti sejra tqis l-ewwel aggravju tal-appellanti. Mill-atti jirriżulta li l-kumpanija Salvu Żammit & Sons kellha reġistrat fuq isimha garaxx bin-numru 16, Triq ix-Xatt, Mġarr, Għawdex, bħala *Tax Warehouse*, flimkien ma' żewġ vetturi (*Road Tankers*) bin-numri ta' reġistrazzjoni rispettivi IBA 663 u KBB 298, reġistrati fuq l-istess indirizz[18]. Il-Qorti għaldaqstant tifhem li kien il-ħsieb tal-appellanti li l-garaxx jintuża wkoll għall-parkeġġ tal-imsemmija vetturi, bil-materjal li jinġarr ġo fihom b'kollox. Fl-iskizz mehmuż mal-applikazzjoni, u sabiex twettaq l-obbligu mitlub minnha fl-applikazzjoni taħt il-klawżola 23[19], il-kumpanija attriċi wriet il-pompa tal-petrol u kif ukoll numru ta' tankijiet u d-daqs tagħhom bħala kapaċità f'termini ta' litri li jistgħu jesgħu l-materjal li jkollha għall-bejgħ[20];

[17] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***
[18] Dok. "AZ1" u Dok. "AZ2" f'paġġ. 32 u 33 tal-proċess
[19] "*Together with this application, you are to attach (a) An architect's plan of the premises indicating clearly the exact position and location of the warehouse*"
[20] F'paġ. 88 tal-proċess

23. Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa ċar li l-għan tal-kumpanija appellanti wara l-pjanta mitluba li tkun mehmuża mal-applikazzjoni ma kienx biss ħalli fuqha jintwera l-fond jew l-indirizz fejn jinsab il-maħżen, iżda wkoll biex tagħti ħjiel tal-imkien fejn kellu jinħażen jew jinżamm il-karburant jew prodott tas-sisa taħt sospensjoni ta' dazju għall-għanijiet taċ-ċertifikat li talbet li jinħarġilha. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li ssemmew qabel, l-ewwel Qorti għalhekk għamlet sewwa meta qieset li t-tank ta' taħt l-art tal-pjan terran u t-tankijiet imqegħda fuq il-ħajt tal-appoġġ tal-bitħa fil-fond numru 16, Triq ix-Xatt, Mġarr, Għawdex, ma setgħux jilqgħu fihom materjal tas-sisa taħt sospensjoni ta' dazju, ladarba ma ntwerewx fl-iskizz mehmuż mal-applikazzjoni;

24. Illi fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti għarblet sewwa ċ-ċirkostanzi fattwali li jolqtu l-każ. Dan kollu seħħ wara li l-partijiet kienu ressqu s-sottomissjonijiet mirquma tagħhom bl-argumenti dwar il-provi mressqa. Fil-fehma tal-Qorti, għaldaqstant, ma ntweriex li l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti kien wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali. Minbarra dan, kull darba li l-ewwel Qorti waslet biex tilqa' jew tiċħad xi talba jew eċċezzjoni, tat ir-raġunijiet li wassluha biex issawwar il-fehmiet tagħha;

25. Illi għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-appellanti mhux mistħoqq u mhux ser jintlaqa';

26. Illi fir-rigward tat-tħaddim tal-Artikolu 60(e) tal-Ordinanza, dan l-artikolu wassal għall-qbid u l-konfiska tal-oġġett li fih inġarr il-materjal mhux awtorizzat. Din hija konsegwenza awtomatika li jaħseb għaliha l-imsemmi artikolu f'każ li tintwera xi waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin fih. Għaldaqstant l-ewwel Qorti ħaddmet sewwa l-liġi li kienet tgħodd għall-każ fuq is-saħħa tal-apprezzament taċ-ċirkostanzi kollha legali li kellha quddiemha;

27. Illi **t-tieni u r-raba' aggravji** tal-appellanti ser jitqiesu flimkien. It-tnejn li huma jintrabtu mal-każ tal-*bowser* bin-numru tar-reġistrazzjoni KBB 298. L-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta sabet ksur tal-Artikolu 17(1) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa[21] billi, fi kliemha, id-dokumenti mressqa quddiem l-ewwel Qorti juru li l-*gasoil* ittieħed mid-Depot tal-Enemalta b'mod regolari w mhux b'mod klandestin;

28. Illi għal dan l-aggravju, l-intimat jiċħad li quddiem l-ewwel Qorti l-appellanti ressqet xi dokumentazzjoni li tiġġustifika ċ-ċaqliq tal-*gasoil* sdazjat. Għall-kuntrarju, jisħaq li d-dokumenti li tressqu juru fatturi mbagħbsin;

[21] Att XVI tal-1995 (Kap 382)

29. Illi joħroġ ċar mill-imsemmi artikolu tal-liġi[22], li ħwejjeġ dazjabbli li jitneħħew b'mod klandestin minn jew jinħarġu 'l barra minn maħżen tas-sisa, jiġu konfiskati. Mill-fatti li ġraw jirriżulta li l-*bowser* bin-numru tar-reġistrazzjoni KBB 298 huwa reġistrat bħala *Tax Warehouse*. L-intimat ikkonfiska dak il-*bowser* għaliex, fuq stqarrija nnifisha ta' direttur tal-kumpanija appellanti, inġarr jew inħatt *gasoil* illeċitu għal ġo sit mhux awtoriżżat[23]. Is-sit ġie identifikat bħala l-ġiebja u/jew it-tankijiet li fihom instab il-*gasoil* illeċitu. Ladarba ħareġ dan il-fatt, kienet ħaġa minn ewl id-dinja li l-ewwel Qorti tħaddem is-sanzjoni maħsuba fil-liġi, u dak huwa li għamlet f'dan il-każ. B'hekk seħħ it-tħaddim f'waqtu tal-liġi u mhux, kif iridu l-appellanti, it-tħaddim ħażin tagħha;

30. Illi din il-Qorti, wara li qieset bir-reqqa x-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet[24], tasal għall-fehma li l-ispjegazzjoni mogħtija minn Albert Scerri fl-affidavit tiegħu għandha mis-sewwa, u tqis li minkejja l-isforzi li l-appellanti għamlu biex issaħħu l-argumenti tagħhom, ma seħħilhomx isostnuhom sal-livell mitlub minnhom fi proċedura bħal din. Il-Qorti ma tarax għaldaqstant li għandha tiddisturba l-konklużjonijiet u l-fehmiet li waslet għalihom l-ewwel Qorti, u tqis li t-tieni u r-raba' aggravji tal-appellanti mhux mistħoqqa;

---

[22] Art.17(1)(b) tal-Kap 382
[23] Dok."SZS1" f'paġ. 6 tal-proċess
[24] Ara x-xhieda mogħtija minn Christopher Ċini f'paġġ. 67 sa 68 tal-proċess, kif ukoll Dok. "CC1" u Dok. "CC2" f'paġġ. 72 sa 74 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "AS" f'paġġ. 83 u 84, u Dok. "AS3" u Dok. "AS4" f'paġġ. 89 u 90 tal-proċess

31. Illi għalhekk, lanqas dawn l-aggravji mhuma ser jintlaqgħu;

32. Illi bi**t-tielet aggravju** tagħhom, l-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti tat piż mhux mistħoqq lix-xhieda ta' Michael Żammit u Jesmond Vella biex waslet għall-fehma li l-*gasoil* kien qed jinżamm f'sit mhux kopert b'ċertifikat ta' *Tax Warehouse*;

33. Illi l-intimat iwarrab dan l-aggravju u jisħaq li, mill-atti, jirriżulta l-kuntrarju. Filwaqt li Michael Żammit kien jaf ben tajjeb fejn il-*gasoil* kien maħżun, it-tfittix li għamel l-uffiċjal Jesmond Vella wassal għas-sejba tal-ħażna rregolari mill-appellanti;

34. Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-raġuni li wasslet lill-ewwel Qorti biex tqis lis-sit bħala mhux kopert b'ċertifikat ta' *Tax Warehouse* ma kienx daqstant il-piż li hija tat lix-xhieda ta' Michael Żammit daqs kemm ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet li ssemmew aktar qabel f'din is-sentenza waqt li kien qed jiġi mistħarreġ l-ewwel aggravju[25]. Il-Qorti ma għandhiex xi żżid aktar f'dan ir-rigward, u tqis li għal darb'oħra l-appellanti ma seħħilhomx jissostanzjaw l-aggravju tagħhom kif imiss. Dan l-aggravju sejjer għaldaqstant jiġi miċħud;

[25] §§ 18 – 20 u 22 – 4 *supra*

35. Illi **l-ħames aggravju** jindirizza l-proċedura użata mill-intimat sa fejn imsejsa fuq l-Artikolu 72 tal-Ordinanza. Fi kliem l-appellanti, l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi li tressqu quddiemha meta njorat ix-xhieda tal-uffiċjal Jesmond Vella dwar ir-raġuni wara l-qbid tal-*gasoil* u l-vetturi. L-imsemmi uffiċjal xehed li dan sar għal skopijiet ta' investigazzjoni biex imbagħad, aktar minn sena wara, l-intimat ħareġ it-tliet Noti ta' Qbid li juru li l-oġġetti kienu ġew kkonfiskati. Jilmentaw li, sa ma nħarġu l-imsemmija Noti, ħadd ma kien għarrafhom bir-raġunijiet li wasslu għall-konfiska għaliex l-artikoli tal-liġi li ssemmew fin-Noti ta' Qbid huma biss artikoli li jagħtu saħħa lill-Kontrollur tad-Dwana biex jikkonfiska oġġetti marbuta mal-evażjoni tad-dazju. Jisħqu li t-tagħrif seħħilhom jiksbuh biss minn dak illi l-intimat qal fit-Tweġiba Maħlufa għar-Rikors Maħluf;

36. Illi l-intimat iwarrab dan l-aggravju wkoll billi jgħid li l-istadju ta' investigazzjoni ġie superat meta l-oġġetti ttieħdu mill-pussess tal-attriċi appellanti w għaddew fil-kustodja tad-Dipartiment tiegħu skont l-Artikolu 25 tal-Ordinanza. Jisħaq li l-appellanti ġew mgħarrfa bir-raġunijiet tal-konfiska dak il-ħin stess li l-oġġetti ġew konfiskati u l-ħruġ tat-Noti ta' Qbid hija biss formalità;

37. Illi huwa minnu li, fil-qasam tad-dritt amministrattiv, deċiżjonijiet meħuda minn awtorità pubblika li jolqtu l-ġid jew l-interessi taċ-ċittadin

iridu jittieħdu għal raġuni u mhux b'mod kapriċċjuż. Minbarra dan, il-persuna milquta trid tkun mgħarrfa wkoll x'kienet jew kienu r-raġunijiet għaliex l-awtorità pubblika tkun ħadet dik id-deċiżjoni. Biex jitqies li awtorità tkun qdiet il-funzjoni tagħha tajjeb, huwa mistenni illi dik l-awtorità tgħid lill-persuna mhux biss x'kienu r-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni li tkun ħadet fil-konfront tagħha[26], iżda wkoll li l-persuna tingħata l-opportunità li ssemma' leħenha[27]. F'każ fejn il-persuna ma tkunx taf x'inhuma r-raġunijiet li wasslu lill-awtorità toħroġ l-ordni fil-konfront tagħha, l-awtorità għandha tagħti lil dik il-persuna l-opportunità xierqa li tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha[28];

38. Illi formalment ir-raġunijiet imsemmijin mid-Direttur biex ifissru għaliex sar il-qbid tal-karburant u tal-*bowsers* jinsabu msemmija fuq it-tliet Noti rispettivi f'dik it-Taqsima li tgħid "*Tagħrif qasir għaliex sar il-Qbid*". It-tagħrif mogħti jikkonsisti f'tismija ta' dispożizzjonijiet tal-liġi mill-Kap. 37 u mill-Kap. 382;

39. Illi meta l-Qorti fliet l-artikoli tal-liġi msemmijin fit-tliet Noti ta' Qbid sabet li, għall-kuntrarju ta' dak li jallegaw l-appellanti, id-dispożizzjonijiet huma provvedimenti sostantivi (li jsemmu imġiba, azzjonijiet jew omissjonijiet li l-liġi tissanzjona) u mhux proċedurali. Minn qari tagħhom,

---

[26] T.R.A. GV **24.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Camilleri vs Kummissarju tat-Taxxi Interni***
[27] P.A. **29.11.2011** JZM fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel D'Amato et vs L-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta***
[28] App. Ċiv. **28.6.2013**fil-kawża fl-ismijiet ***Boris Arcidiacono et vs Salvu Schembri et***

wieħed jifhem x'ikun wassal għall-qbid u liema ksur tal-liġi jkun qiegħed jipprospetta. Għalhekk, il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellanti li huma ma ngħatawx ir-raġunijiet għaliex kienu nqabdu l-ħwejjeġ imsemmija fin-Noti;

40. Illi dwar il-kwistjoni jekk hux minnu li Michael Żammit ġie mgħarraf bir-raġunijiet tal-qbid dakinhar tal-ispezzjoni, hija kwistjoni sorvolata bit-tagħrif mogħti fin-Noti ta' Qbid. Hija l-liġi li titlob li jsir hekk u dwar dan hemm deċiżjonijiet mill-Qrati[29]. F'ċirkostanzi li jinqalgħu bħal fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, il-liġi tagħti li jinqabdu oġġetti fil-preżenza tal-ħati jew tas-sid u f'dak il-każ ma jkunx meħtieġ li jingħata l-avviż, u li r-raġuni tal-qbid tista' tingħata wkoll bil-fomm. L-ewwel Qorti sabet li hekk kien ġara f'dan il-każ;

41. Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li din il-ħaġa kienet taqa' fil-parametri tal-apprezzament tal-fatti min-naħa tal-ewwel Qorti. Tara li dik il-Qorti mxiet sewwa fl-apprezzament tal-provi li kellha quddiemha. Għalhekk, issib li dan l-aħħar aggravju tal-appellanti mhuwiex mistħoqq;

42. Illi, għalhekk, dan l-aggravju huwa miċħud ukoll;

[29] App. Ċiv. **6.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Bharwani vs Kontrollur tad-Dwana*** (mhix pubblikata) Ara wkoll App Ċiv. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijet ***Diane Holdings Limited et vs Il-Kontrollur tad-Dwana***

43. Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis **l-appell tal-intimat appellant** u li fih qajjem tliet (3) aggravji mis-sentenza appellata;

44. Illi l-**ewwel aggravju** huwa marbut mal-*bowser* bin-numru ta' reġistrazzjoni IBA 663. L-ewwel Qorti sabet li l-intimat naqas li jidentifika r-regolament li jagħtih is-saħħa jaqbad dan il-*bowser* f'każ li, bħala maħżen tat-taxxa, ntuża wkoll biex fih iġorr fuel li fuqu jkun tħallas id-dazju. Dan wassal lill-ewwel Qorti li tiċħad l-eċċezzjoni fil-mertu dwar in-Nota ta' Qbid 23/2012 u tħassar l-istess;

45. Illi l-intimat appellant jisħaq li t-tabella "*duty paid*" li twaħħlet mal-*bowser* ma toħroġ minn ebda regolament u l-fatt nnifsu li twaħħlet tabella b'dan il-kliem fuq maħżen tat-taxxa (il-*bowser*) huwa irregolarità, u l-vettura li ntużat għal dan l-iskop għaldaqstant kellha tkun konfiskata wkoll. Jisħaq li *bowser* ċertifikat bħala *Tax Warehouse* ma jistax iġorr tabella li tgħid li fih kien hemm materjal li fuqu tħallas id-dazju, u li x-xhieda ta' Michael Żammit meta stqarr li x-xufier tal-vettura nesa jbiddel it-tabella ma tistax titwemmen. Fil-fehma tiegħu l-għan tal-appellanti ma setax kien ħlief wieħed qarrieqi. Jgħid li huwa aġixxa bis-saħħa tal-Artikolu 17(1)(a) marbut mas-subartikolu (2) tiegħu għaliex qies li l-*gasoil* kien qed jinġarr bil-għan li ssir frodi kontra l-Gvern. L-intimat iżid jgħid li l-ewwel Qorti għaldaqstant għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u tal-liġi;

46. Illi fil-fehma tal-Qorti, kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-*bowser*, in-nuqqas ma jidhirx li kien għaliex fih kien qed jinġarr *gasoil duty free* iżda għaliex il-*bowser*, liċenzjat bħala *Tax Warehouse*, kellu fuqu tabella li tgħid li fuq il-karburant li kien qed iġorr kien tħallas id-dazju, meta dan ma kienx il-każ. Min-naħa l-oħra, huwa minnu wkoll li l-*bowser* kien mistenni li jġorr tabella li taqra "*duty free*" ladarba kien qed iġorr karburant li fuqu ma tħallasx dazju tas-sisa[30];

47. Illi jidher li l-ewwel Qorti, bħal din il-Qorti, sabet diffikultà biex tiġġustifika l-konfiska tal-*gasoil* u tal-bowser meta ma ġiex ipprovat il-qerq b'aktar konkretezza milli sempliċi insinwazzjoni li l-attriċi appellanti setgħet għamlet bil-fatt li waħħlet tabella li taqra "*DUTY PAID*" minflok "*DUTY FREE*";

48. Illi għaldaqstant il-Qorti tasal għall-fehma li l-intimat ma seħħlux isostni l-aggravju tiegħu, li għalhekk ser jiġi miċħud;

49. Illi fi**t-tieni aggravju**, l-intimat jilmenta li l-ewwel Qorti fit-tieni parti tad-deċide, ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tiegħu bl-ispejjeż kontrih. Jilmenta li l-appellanti ġabu prova tal-mandat mogħti lill-avukat Mifsud waqt li l-kawża kienet miexja u wara li huwa kien ressaq dik l-eċċezzjoni. Għalhekk, l-intimat jgħid li għalkemm il-mertu tat-tielet eċċezzjoni ġie

[30] Kap. 382, Parti D, Skeda Sitta, Parag. 28 u 29

eżawrit meta tressqet kopja tal-prokura, ma kellux ibati l-ispejjeż ta' dik l-eċċezzjoni;

50. Illi għal dan l-aggravju l-appellanti jilqgħu billi jgħidu li ma kienx hemm il-ħtieġa li r-Rikors jinħalef u għaldaqstant f'tali ċirkostanzi, ma kienx meħtieġ li jintwera li min ressaq l-att promotur kellu mandat biex jagħmel dan minn min fetaħ il-kawża;

51. Illi jidher li l-ewwel Qorti ma daħlitx fil-mertu ta' jekk l-att promotur kellux ikun fis-sura ta' rikors maħluf jew le, iżda straħet fuq il-fatt waħdu li tressqet il-prokura li kienet "toqtol" l-eċċezzjoni u liema dokument ma ġiex kontestat mill-intimat għas-siwi tiegħu. Fuq kollox, l-intimat ma jistax jilmenta li l-ewwel Qorti kellha tiċħad l-eċċezzjoni u tgħabbih bil-ħlas tal-ispejjeż dwarha, ladarba baqa' ma irregolax ruħu u rtiraha hekk kif tressqet il-prokura. Għall-kuntrarju, l-intimat baqa' jisħaq fuq dik l-eċċezzjoni saħansitra fis-sottomissjonijiet tiegħu tal-għeluq[31];

52. Illi meta parti mħarrka tressaq eċċezzjoni u tħalliha fis-seħħ – aktar u aktar jekk tkun waħda minn dawk l-eċċezzjonijiet li l-liġi tgħid li għandha tkun maqtugħa b'kap għaliha[32] – ma jkun sar xejn ħażin li, meta l-Qorti tiddelibera u tipprovdi dwar eċċezzjoni bħal dik, torbot ukoll il-ħlas tal-

[31] Nota ta' sottomissjonijiet f'paġ. 217 tal-proċess
[32] Art. 730 tal-Kap 12

ispejjeż marbuta ma' dik l-eċċezzjoni skont jekk tkunx laqgħetha jew ċaħditha;

53. Illi l-Artikolu 73 tal-Ordinanza jgħid li l-proċediment biex wieħed jattakka qbid ta' xi oġġetti taħt l-Artikolu 72 (kif kien il-każ mertu ta' din il-kawża) jinbeda b'rikors. Il-Qorti, għaldaqstant, ma tarax li għandha għalfejn tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti meta ordnat li l-ispejjez ta' din l-eċċezzjoni jitħallsu mill-intimat. Għaldaqstant, dan l-aggravju huwa miċħud;

54. Illi fi**t-tielet aggravju** l-intimat jilminta li l-ewwel Qorti għabbietu bil-ħlas ta' parti mill-ispejjeż tal-kawża. L-intimat jisħaq li l-ispejjeż għandhom jinġarru kollha mill-appellanti. L-appellanti jwarrbu dan l-aggravju u jgħidu li, għar-raġunijiet imressqa minnhom fl-appell tagħhom, għandu jkun l-intimat li jerfa' l-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża, fiż-żewġ istanzi;

55. Illi l-Qorti ma tifhimx għalfejn l-intimat iqis li l-qsim tal-ispejjeż fis-sentenza appellata ma kienx f'loku, u tħoss li dan l-aggravju huwa x'aktarx fieragħ. Ħareġ ċar li l-ewwel Qorti laqgħet parti mit-talbiet attriċi u ċaħdet oħrajn, bħal ma laqgħet biċċa mill-eċċezzjonijiet u ċaħdet oħrajn. Il-liġi tagħmilha ċara[33] li fil-każijiet kollha fejn parti tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, il-Qorti tista' tordna li dik il-parti tbati l-ispejjeż tagħha.

[33] Art. 223(3) tal-Kap 12

Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti qasmet il-kap tal-ispejjeż skont ir-relattiv rebħ u telf taż-żewġ partijiet dwar dak li talbu u dak li eċċepew. Din il-Qorti tqis li dak il-qsim kien wieħed xieraq u ekwu fil-qafas tal-liġi;

56. Illi għaldaqstant it-tielet aggravju tal-intimat ukoll ma jistħoqqlux jintlaqa';

**Decide**

57. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad kemm l-appell** tal-atturi u kif ukoll **l-appell** tal-intimat mis-sentenza appellata tat-3 ta' Ottubru, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi u tikkonferma għal kollox dik is-sentenza; u

**Tordna** li kull parti tħallas l-**ispejjeż tal-appell tagħha**, filwaqt li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu regolati kif stabbilit fis-sentenza appellata.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demjo<br>Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
mb